



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 18.5.2011
KUMM(2011) 259 finali

2011/0111 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li temporanjament jissospendi d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fuq
importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fil-Gżejjer Kanarji**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Kuntest tal-Proposta

Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta

Il-gvern tar-Renju ta' Spanja għamel talba fisem l-awtoritajiet tal-Komunità Awtonima tal-Gżejjer Kanarji għal prolongazzjoni tar-reġim kurrenti li jipprovdi sospensjonijiet tat-tariffa fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali. Dawn il-miżuri huma mmirati lejn it-tishħiħ tal-kompetittività tal-operaturi ekonomiċi lokali u hekk jiżguraw impjegar aktar stabbli f'dawn il-gżejjer.

Il-kuntest ġenerali

Il-Gżejjer Kanarji, jinsabu fir-Reġjuni l-aktar 'il barra tal-Unjoni Ewropea, li għalihom jistgħu jiġu previsti miżuri speċjali skont l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex jintgħelbu l-iżvantaġġi ekonomiċi li jibat minnha dawn ir-reġjuni minħabba s-sitwazzjoni ġeografika tagħhom.

Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Dispożizzjonijiet simili ġew introdotti mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 973/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 għar-reġjuni awtonomi tar-Repubblika tal-Portugall, l-Azores u Madeira.

Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni

Din il-proposta hija f'konformità mal-politiki tal-Unjoni, partikolarmen fil-qasam tal-kummerċ internazzjonali, il-kompetizzjoni, l-intrapriża, l-iżvilupp u r-relazzjonijiet esterni.

Konsultazzjoni mal-partijiet interessati u valutazzjoni tal-impatt

Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Il-membri tal-grupp ta' ħidma tal-eserti tal-Kummissjoni "Grupp Ekonomiku dwar il-Kwistjonijiet Tariffarji" ġew ikkonsultati u ma qajmux ogħżejjonjiet ekonomiċi kontra s-sospensjonijiet proposti.

Il-ġbir u l-użu tal-ġharfien espert

Ma kien hemm l-ebda bżonn ta' għarfien espert estern.

Evalwazzjoni tal-impatt

Ma saritx evalwazzjoni tal-impatt minħabba l-applikazzjoni universali tal-miżuri proposti.

Elementi legali tal-proposta

Sinteżi tal-azzjoni proposta

Is-sospensjoni proposta tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni tippermetti lill-operaturi ekonomiċi lokali fil-Ġżejjer Kanarji biex jimpurtaw ċertu ammont ta' materja prima, partijiet, komponenti u prodotti kapitali mingħajr dazju fuqhom. Sabiex jiġi evitat użu ħażin jew tibdil

fil-flussi tan-negozju tradizzjonalni huwa previst illi dawk il-prodotti li jibbenefikaw mis-sospensjoni ta' dazju jiġu suġġetti għall-kontrolli ta' użu aħħari.

Barraminnhekk, il-prodotti finali jridu jintużaw minn kumpaniji lokalni fuq il-gżejjer għal perijodu ta' mill-inqas sentejn qabel ma jkunu jistgħu jinbiegħu liberament lil kumpaniji oħra li jinsabu f-partijiet oħra tat-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea.

Materja prima, partijiet u komponenti għandhom ikunu użati għat-trasformazzjoni industrijali u l-manutenzjoni fil-Gżejjer Kanarji sabiex jibbenefikaw mis-sospensjoni tad-dazji.

Bażi legali

L-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

Din it-tip ta' azzjoni hija regolarmen użata bħala strument biex issaħħa il-kompetittività tal-operaturi ekonomiċi. L-impożizzjoni ta' kontrolli ta' użu aħħari fkonformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità u d-dispożizzjonijiet li jimplimentaw hija proċedura stabbilita f'dan il-kuntest u ma toħloqx responsabilitajiet amministrattivi supplimentari sinifikativi lill-awtoritajiet u lill-operaturi reġjonali u lokali.

L-ġhażla ta' strumenti

L-strumenti proposti: Regolament.

It-Trattat ma jippermettix mezzi oħrajn għall-implimentazzjoni ta' tali miżuri.

Implikazzjoni baġitarja

Il-proposta għandha implikazzjonijiet għall-baġit tal-Unjoni minħabba li s-sospensjoni tadt-dazju se jwasslu għal nuqqas fid-dħul friżorsi proprji tal-Unjoni.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li temporanjament jissospendi d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fuq
importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fil-Gżejjer Kanarji**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 349 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni³,

Filwaqt li jaġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva specjalni,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 704/2002 tal-25 ta' Marzu 2002 li temporanjament jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti industrijali u jiftaħ u jipprovd iċċall-amministrazzjoni tal-kwoti awtonomi tat-tariffi tal-Komunità fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti tal-ħut lejn il-Gżejjer Kanarji⁴ s-sospensjoni tad-dazji tat-Tariffi Doganali Komuni għal ċerti oġġetti b'użu kummerċjali jew industrijali se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2011.
- (2) F'Settembru 2010 il-gvern ta' Spanja talab fissem il-gvern tal-Gżejjer Kanarji, il-prolongazzjoni tas-sospensjoni awtonoma tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għal numru ta' prodotti f'konformità mal-Artikolu 349 tat-Trattat. Huma ġġustifikaw it-talba tagħhom bl-argument li minħabba l-bogħod ta' dawk il-gżejjer l-operaturi ekonomiċi jbatu żvantaġġi ekonomiċi u kummerċjali kbar li għandhom effetti negattivi fuq it-tendenzi demografiċi, l-impjieg u l-iżviluppi soċjali u ekonomiċi.

¹ Opinjoni tal-... 2011 (għadha ma ġietx pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² ĠU C , , p. .

³ ĠU C , , p. .

⁴ ĠU L 111, 26.4.2002, p. 1.

- (3) Is-settur industrijali tal-Gżejjer Kanarji, flimkien mal-kostruzzjoni, ġie affettat b'mod qawwi mill-kriżi ekonomika riċenti. It-tnaqqis fl-industrija tal-bini affettwa b'mod negattiv l-industrija awżiljarja li tiddependi fuqha. Kundizzjonijiet finanzjarji ħżiena kellhom impatt serju fuq ħafna oqsma tan-negozju. Barraminnhekk, iż-żieda qawwija fil-qħad fi Spanja aggravat in-nuqqas fid-domanda domestika, inkuż id-domanda għall-prodotti industrijali.
- (4) Il-qħad fil-Gżejjer Kanarji b'mod konsistenti kien qed jaqbeż il-medja nazzjonali għal Spanja fl-aħħar għaxar snin, u mill-2009, il-Komunità Awtonoma rreġistrat l-ogħla livell madwar il-pajjiż kollu⁵. Barraminnhekk, aktar minn nofs tal-produzzjoni industrijali fil-Kanarji tīġi kkonsmata fil-gżejjer, fattur ta' serjetà partikolari minħabba li d-domanda fil-gżejjer naqset b'rata akbar.
- (5) Għalhekk, sabiex tingħata perspettiva fit-tul lill-investituri u sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jilħqu l-livell ta' attivitajiet industrijali u kummerċjali li jistabilizza l-ambjent ekonomiku u soċjali fil-gżejjer, huwa xieraq li tiġi prolongata b'mod sħiħ is-sospensjoni tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għal ċerti ogħġetti kif dettaljat fl-Anness II u fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 704/2002 għal perjodu ta' 10 snin.
- (6) B'żieda ma' dan, fl-istess kuntest l-awtoritajiet Spanjoli talbu għas-sospensjoni tad-dazji tat-tariffa doganali komuni għal erba' prodotti ġoddha bil-kodiċi NM 3902 10 00, 3903 11 00, 3906 10 00 u 4805 00 00. Din it-talba ġiet aċċettata minħabba li dawn is-sospensjonijiet isāħħu l-ekonomika tal-Gżejjer Kanarji.
- (7) Sabiex jiġi żgurat li operaturi ekonomiċi li jinsabu fit-territorju tal-Gżejjer Kanarji biss jibbenfikaw minn dawn il-miżuri tat-tariffi, is-sospensjonijiet għandhom ikunu magħmulu kundizzjonali fuq l-użu aħħari tal-prodotti f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità⁶ u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistabilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità⁷.
- (8) F'każ li l-kummerċ jiġi mgħoddi lejn postijiet oħra u sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jingħataw setgħat implimentattivi lill-Kummissjoni li jippermettulha li temporanjament tirtira s-sospensjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implementazzjoni⁸.
- (9) Sabiex tkun żgurata kontinwità mal-miżuri stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 704/2002, huwa meħtieġ li jiġu applikati l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament mill-1 ta' Jannar 2012.

⁵ Eurostat: Statistiċi reġjonali – Rata tal-qħad skont ir-reġjuni NUTS 2, 1999-2009

⁶ ĠU L 302, 19.10.1992, p.1

⁷ ĠU L 253, 11.10.1993, p.1

⁸ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2021 id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni applikabbi għall-importazzjonijiet fil-Gżejjer Kanarji ta' oġġetti ta' investiment kapitali għall-użu kummerċjali jew industrijali li jaqgħu taħt il-kodiċijiet elenkti fl-Anness I kif aġġornat minn kwalunkwe emenda għar-Regolament Nru 2658/87⁹ għandhom ikunu sospiżi kompletament.

Dawn l-oġġetti għandhom jiġu użati f'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament (KEE) 2913/92 u tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 għal perjodu ta' mill-inqas 24 xahar wara li jiġi rilaxxat liberament fiċ-ċirkolazzjoni mill-operaturi ekonomiċi li jinsabu fil-Gżejjer Kanarji.

Artikolu 2

Mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2021 id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni applikabbi għall-importazzjonijiet fil-Gżejjer Kanarji ta' materja prima, parts u komponenti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet elenkti fl-Anness II kif aġġornat minn kwalunkwe emenda għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 u użati għat-trasformazzjoni industrijali jew għall-manutenzjoni fil-Gżejjer Kanarji, għandhom jiġu sospiżi kompletament.

Artikolu 3

Is-sospensjoni tad-dazji msemmija fl-Artikoli 1 u 2 għandha tkun suġġetta għall-użu aħħari f'konformità mal-Artikoli 21 u 82 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u għal kontrolli stipulati fl-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 4

1. Meta l-Kummissjoni jkollha raġunijiet biex temmen li s-sospensjonijiet elenkti f'dan ir-Regolament wasslu għal devjazzjoni tal-kummerċ ta' prodott speċifiku tista' tadotta atti implementattivi, li temporanjament jiritraw is-sospensjoni għal perjodu li mhux itwal minn 12-il xahar. Dawk l-atti implementattivi għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 5.

Dazji tal-importazzjoni fuq prodotti li għalihom is-sospensjoni tkun għiet irtirata provvisorjament għandha tkun żgurata minn garanzija, u r-rilaxx tal-prodotti kkonċernati għal ċirkolazzjoni libera fil-Komunità tal-Gżejjer Kanarji għandu jkun fuq il-kundizzjoni tal-provvediment tat-tali garanzija.

2. Fi żmien il-perjodu ta' 12-il xahar imsemmi fil-paragrafu 1, għandha tittieħed deċiżjoni definitiva jekk tinżammx jew tigħix irtirata s-sospensjoni. Jekk is-

⁹ ĠU L 256, 7.9.1987, p.1.

sospensjoni tīgi irtirata l-ammonti ta' dazji koperti mill-garanziji għandhom jinġabru definittivament.

3. Jekk ma tīgix adottata l-ebda deċiżjoni definittiva fil-perjodu ta' 12-il xahar fkonformità mal-paragrafu 2, il-garanziji għandhom jiġu rilaxxati.

Artikolu 5

1. Il-Kummissjoni għandha tīgi meħħjuna mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, mwaqqaf bl-Artikolu 247a(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fl-ambitu tat-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011¹⁰.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu jaapplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jaapplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

¹⁰

ĠU L 55, 28.2.2011, p.13.

ANNESS I

Oggetto kapitali għall-użu kummerċjali jew industrijal li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM¹¹:

4011 20	8450 20	8522 90 80	9006 53 80
4011 30	8450 90	8523 21	9006 59
4011 61	8469 00 91	8523 29 33	9007 19
4011 62	8472 10	8523 29 39	9007 20
4011 63	8472 30	8523 29 90	9008 20
4011 69	8472 90 10	8523 40 99	9008 30
4011 92	8472 90 70	8523 51 99	9008 40
4011 93	8473 10 19	8523 59 99	
4011 94	8473 40 18	8523 80 99	
4011 99	8501 10 10	8525 50	9010 10
5608	8501 10 91	8525 80 11	9010 50
6403 40	8501 10 93	8525 80 19	9011 10 90
6403 51 05	8501 10 99	8526 10	9011 20 90
6403 59 05	8501 20	8526 91 20	9011 80
6403 91 05	8501 31	8526 91 80	9011 90 90
6403 99 05	8501 32	8542 31 10	9012 10 90
8415 10 10	8501 33	8542 32 10	9012 90 90
8415 10 90	8501 34	8542 39 10	9030 10
8415 20	8501 40 20	8701 10	9030 20 91
8415 81	8501 40 80	8701 20	9030 31
8415 82	8501 51	8701 90 90	9030 33
8415 83	8501 52 20	8702	9106
8415 90	8501 52 30	8704 21 31	9107
8418 30 80	8501 52 90	8704 21 39	9207 10
8418 40 80	8501 53 50	8704 21 91	9207 90
8418 50	8501 53 81	8704 21 99	9506 91 90
8418 61	8501 53 94	8704 22	9507 10
8418 69	8501 53 99	8704 23	9507 20 90
8418 91	8501 61 20	8704 31 31	9507 30
8418 99	8501 61 80	8704 31 39	
8427	8501 62	8704 31 91	
8431 20	8501 63	8704 31 99	
8443 31 91			
8443 32 10	8501 64	8704 32	
8443 32 91			
8443 32 99	8518 40 30	8704 90	
8443 39 10			
8443 39 39	8518 90	8705	

¹¹

Kif iddefinit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 861/2010 tal-5 ta' Ottubru 2010 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tariffarja u statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 284, 29.10.2010, p. 1).

8443 99 10	8519 20	9006 10
8450 11 90	8519 81 51	
8450 12	8521 10 95	9006 30
8450 19	8522 90 49	9006 52

ANNESS II

**Materja prima, parts u komponenti użati
għal finijiet agrikoli, trasformazzjoni industrijali jew manutenzjoni li jaqgħu taħt il-kodċiċiet NM¹²:**

3901	4810 22 10	5501	
3902 10	4810 22 90	5502	
3903 11	4810 29	5503	8706
3904 10	4810 31	5504	8707
3906 10	4810 32	5505 10	8708
4407 21 10	4810 92	5505 20	8714 11
4407 21 91	4810 99 10	5506	8714 19
4407 22 10	4810 99 90	5507	8714 91
4407 22 91	5108	5508 10 10	8714 92
4407 25 10	5110	5508 20 10	8714 93
4407 25 30	5111 11	5509	8714 94
4407 25 50	5111 19 10	5510	8714 95
4407 26 10	5111 19 90	5512	8714 96
4407 26 30	5111 20	5513	8714 99
4407 26 50	5111 30	5514	9002 90
4407 29 15	5111 90 10	5515	9006 91
4407 29 20	5111 90 91	5516	9007 91
4407 29 25	5111 90 93	6001	9007 92
4407 29 45	5111 90 99	6002 40	9008 90
4407 29 83	5112 11	6002 90	9010 90
4407 29 85	5112 19	6217 90	9104
4407 99 40	5112 20	6305 10 10	9108
4410	5112 30	6305 10 90	9109 11
4412	5112 90	6305 20	9109 19
	5205	6305 32	9109 90
	5208	6305 33	9110 11 10
	5209	6305 39	9110 11 90
	5210	6305 90	9110 12
	5212	6309	9110 19
	5401 10 12	6406	9110 90
	5401 10 14	7601	9111
	5401 20 10	8517 70 90	9112
4803	5402	8529 10 80	9114
4804	5403	8529 10 95	
4805	5404 11	8529 90	
4810 13	5404 90		
4810 14	5407		
4810 19 10	5408		

¹²

Kif iddefinit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 861/2010 tal-5 ta' Ottubru 2010 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tariffarja u statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 284, 29.10.2010, p. 1).

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI
GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU ESKLUSSIVAMENT RISTRETT GĦAN-
NAĦA TAD-DĦUL**

1. ISEM TAL-PROPOSTA:

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jissospendi temporanġement id-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq importazzjoniet ta' ċerti prodotti industrijali fil-Gżejjer Kanarji

2. LINJI TAL-BAĠIT:

Il-Kapitolu u l-Artikolu: Kap. 12 Art. 120

Ammont li ddaħħal fil-baġit għas-sena 2011: **€ 16 653 700 000**

3. IMPATT FINANZJARJU

- Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja
 Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq l-infiq, iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul – l-effett huwa kif ġej:

(€ miljun sa ċifra waħda wara l-punt deċimali)

Linja tal- baġit	Dħul ¹³	perjodu, jibda jj/xx/ssss	[Sena 2012 -2021]
Artikolu 120	<i>L-impatt fuq ir-riżorsi proprji</i>	01/01/2012 - 31/12/2021	-2.2/sena

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Kontrolli fuq l-użu aħħari tal-prodotti kollha koperti minn dan ir-Regolament tal-Kunsill għandhom isiru f'konformità mal-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 li jiffisa d-dispożizzjoniet għall-implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità.

¹³

F'dak li għandu x'jaqsam ma' riżorsi proprij tradizzjonali (dazji agrikoli, levies fuq iz-zokkor, dazji tad-dwana) jeħtieġ li l-ammonti indikati jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25% tal-ispejjeż tal-ġbir.

5. RIMARKI OĦRAJN

Sabiex jippermetti l-operaturi ekonomiċi biex jagħmlu deċiżjonjet dwar investiment fit-tul is-sospensjoniet proposti għandhom jibqgħu fis-seħħ għal 10 snin.

Tissostitwixxi l-miżuri stabbiliti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 704/2002 li jiiskadu fil-31.12.2011.

Kost stmat ta' din l-operazzjoni

Fuq il-bażi tal-informazzjoni provduta mill-awtoritatijiet reġjonali, l-impatt fuq it-telf ta' dħul li jirriżulta minn dan ir-Regolament jista' għalhekk ikun stmat li huwa ta' MEUR 2,96 (ammont gross, inkluż l-ispejjeż li jsiru għall-ġbir) x 0.75 = **MEUR 2,22/sena għall-perjodu 01.01.2012 - 31.12.2021.**

It-telf ta' dħul f'Riżorsi Propri Tradizzjonali għandu jiġi kkumpensat mill-kontribuzzjoniet ibbażati fuq id-DNG tal-Istati Membri.